**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021**

**Cit. Nru.: 12/2021 JPG**

**Kawza Nru : 25**

**HC**

**vs**

**1. Direttur tar-Registtru Pubbliku**

**2. PC**

**3. RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' HC datat 14 ta' Jannar 2021, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

*A. Dikjarazzjoni tal-fatti*

1. *Illi l-esponenti w l-intimata PC zzewgu f'Malta fis-sittax ta' Gunju tas-sena elf disa mija u hamsa u tmenin (16/06/1985).*

2. *Illi matul dan iz-zwieg, u cioe' fil-hamsa u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa mija u seba u tmenin (25/09/1987), twieldet l-intimata RC u giet registrata bhala bint l-esponent u bint l-intimata PC.*

3. *Illi l-esponent u l-intimata PC sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat seba ta' Lulju tas-sena elfejn (07/07/2000) in atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa.*

4. *Illi sussegwentament l-esponent u l-intimata ddevorzjaw ukoll minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata tmienja u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (28/02/2017).*

5. *Illi l-intimata PC ghamlet zmien tahdem ma' certu RM, u dan iz-zmien kien jestendi kemm qabel giet koncipita t-tifla RC u kemm wara li t-tifla twieldet.*

6. *Illi fil-hdax ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (11/07/2020) l-intimata PC nfurmat b' mod espress u verbalment lill-esponent illi l-intimata RC ma kienetx il-bint naturali tieghu izda kienet koncipita minn relazzjoni ntima w extra-matrimonjali li hija kellha mal-employer taghha RM.*

7. *Illi l-intimata RC, li llum ghandha tlieta u tlettin sena, meta konfrontata mill-esponent fuq dan ir-rigward, qalet lill-esponent illi hija kien ilha taf b' dana l-fatt ghal aktar minn ghaxar snin u li qatt ma kienet wrietu b' xejn sabiex ma tweggawx.*

8. *Illi l-intimata RC nfurmatu ukoll illi l-paternita bilogika taghha ma' RM kienet ukoll kkonfermata bit-testijiet tad-DNA.*

9. *Illi wara li saret dina l-konferma xjentifika l-intimata RC kienet ukoll marret tahdem mal-missier bilogiku taghha ossia RM u baqghet tahdem mieghu ghal xi snin.*

10. *Illi ghalhekk huwa evidenti li r-registrazzjoni tal-intimata RC bhala bint l-esponent kienet saret b' ingann u b' habi tal-verita, tant illi kien biss wara tlieta u tlettin sena mit-twelid tat-tarbija llum l-intimata RC, li l-esponent sar jaf li huwa mhux il-missier biologiku taghha.*

11. *Illi l-esponent jiddikjara li huwa sar jaf b' dawn il-fatti kollha huwa personalment.*

**B. *Raguni ghat-Talbiet f' dawn il-proceduri***

*Illi ghalhekk l-esponent ntavola dina l-kawza sabiex huwa jichad il-paternita ta'*

*l-intimata RC ghar-ragunijiet premessi, u sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku ntimat jkun ordnat jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-intimata RC kull referenza ghall-esponent bhala l-missier biologiku tal-intimata RC.*

***C. Talbiet Attrici***

*Ghaldaqstant l-esponent, in vista' ta' dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Fl-ewwel lok tiddikkjara li l-esponent ma huwiex il-missier naturali tal-intimata RC, occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici apposti;*

2. *Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-intimata RC li jgib in-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni erbat elef, mitejn u tnejn u sebghin tas-sena elf, disa mija u seba u tmenin (4272/1987), u billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega kif gej;*

(i) *fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem 'HC' u l-eta, n-numru tad-dokument tal-karta tal-identita, l-post tat-twelid u r-residenza tal-esponent, kif ukoll l-isem u l-kunjom missier l-esponent u jekk huwiex haj jew mejjet, kif ukoll kull referenza ohra li tirrigwarda lill-esponent;*

(ii) *u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista' ta' l-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' Frar 2021, a fol 12 et seq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-**Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

2. *Illi bla preġudizzju għas-*suespost *u fil-*mertu, *l-*esponent *jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi r-rikorrent jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-***Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta***. Għal tali fini, l-*esponent *umilment jitlob lil din l-*Onorabbli Qorti *tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-*Artikolu 70A*, sub-inċiż (2) tal-*Kapitolu 16 *tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġi vverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa mhuwiex il-*missier *bijoloġiku ta' RC. F'tali ċirkostanza, l-esponent, stante li huwa m'għandux x'jaqsam mal-*mertu *tal-kawża istanti, jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-*suespost*, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-*intimata *RC;*

5. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-*Onorabbli Qorti *tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-*esponent *jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem HC , senjatament taħt il-*kolonna *u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-*konnotati *tar-rikorrent jiġu kkanċellati mill-*Atti *tat-Twelid ta' RC;*

6. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-*surreferit*, l-*esponent *jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' RC datata 3 ta' Marzu 2021, a fol 15 li taqra hekk:

1) *Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tal-attur b'dana illi fl-ewwel lok l-ewwel ghandhom isiru testijiet genetici kollha necessarji u fit-tieni lok*

*m'ghandux jinbidel il-kunjom tal-esponenti stante illi l-uzu ta' l-istess kunjom ossia C mhuwiex ser jikkaguna pregudizzju lil terzi;*

2) *Illi l-esponenti m'ghandha tbaghti l-ebda spejjes ghal proceduri odjerni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' RC datata 3 ta' Marzu 2021, a fol 16 li taqra hekk:

1) *Illi l-esponenti tixtieq illi l-materja tigi indirizzata darba ghal dejjem sabiex ir-realta bijologika taghha jigi rifless fic-certifikat taghha;*

2) *Illi madanakollu l-esponenti ghandha tlieta u tletin sena u hija maghrufa u minn dejjem kienet maghrufa minn kulhadd bil-kunjom C;*

3) *Illi l-kunjom 'C' jidher fuq id-dokumentazzjoni ufficjali kollha taghha inkluz fuq il-karta tal-identita, l-licenzja tas-sewqan, kuntratti pubblici u certifikati akkademici taghha;*

4) *Illi ghalhekk, ma jkunx fl-ahjar interess taghha u kif ukoll ta' terzi illi minhabba din l-azzjoni effettivament tinbidel l-identita' taghha.*

Rat ir-risposta guramentata ta' PC datata 18 ta' Gunju 2021, a fol 26 li taqra hekk:

1) *Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tal-attur b'dana illi fl-ewwel lok l-ewwel ghandhom isiru testijiet genetici kollha necessarji u fit-tieni lok m'ghandux jinbidel il-kunjom ta' bint l-esponenti stante illi l-uzu ta' l-istess kunjom ossia C mhuwiex ser jikkaguna pregudizzju lil terzi;*

2) *Illi l-esponenti m'ghandha tbaghti l-ebda spejjes ghal proceduri odjerni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' PC datata 18 ta' Gunju 2021, a fol 27 li taqra hekk:

1) *Illi l-esponenti tixtieq illi l-materja tigi indirizzata darba ghal dejjem sabiex ir-realta bijologika taghha jigi rifless fic-certifikat taghha;*

2) *Illi madanakollu bint l-esponenti ghandha tlieta u tletin sena u hija maghrufa u minn dejjem kienet maghrufa minn kulhadd bil-kunjom C;*

3) *Illi l-kunjom 'C' jidher fuq id-dokumentazzjoni ufficjali kollha taghha inkluz fuq il-karta tal-identita, l-licenzja tas-sewqan, kuntratti pubblici u certifikati akkademici taghha;*

4) *Illi ghalhekk, ma jkunx fl-ahjar interess taghha u kif ukoll ta' terzi illi minhabba din l-azzjoni effettivament tinbidel l-identita' taghha.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2021 li permezz tieghu l-avukjati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrent qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' RC. Illi r-rikorrenti zzeweg lill-intimata PC, u cioe omm RC fis-16 ta' Gunju 1985. Jirrizulta illi minn dan iz-zwieg twieldet l-intimat RC fil-25 ta'Settembru 1987 u llum ghandha circa tlieta u tletin (33) sena, u u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid a fol 4. Illi permezz ta' kuntratt ta'separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, il-konjugi C sseparaw fis- 7 ta' Lulju 2000 u sussegwentement iddivorzjaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit- 28 ta' Frar 2017.

Jidher ili fil- 11 ta' Lulju 2020, l-intimata PC nfurmat lir-rikorrenti b'mod espress u verbali illi l-intimat RC ma kientix il-wild natural tieghu izda kienet koncipita minn relazzjoni extra-matrimonjali bejnha u bejn certu RM, li kien l-employer taghha ghall-perjodu li jestendi kemm ghaz-zmien ta' qabel ma giet koncepita RC u kemm wara li twieldet l-istess. Illi jidher ukoll illi l-intimata RC kienet a konoxxenza ta' dan il-fatt ghal aktar minn ghaxar snin izda qaghdet lura milli taghrfu b'dan sabiex ma tweggax lill-attur u li dan il-fatt kien konfermat b'testijiet xejntifici. Illi filfatt RC anke ghamlet xi zmien tahdem ma' dan RM.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-

mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:

> ***Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Illi sabiex tirnexxi kawza ta' *denegita paternita'* ai termini tal-Artikolu 70, Kap 16 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra PC, li minnha huwa legalment divorzjat, u kontra bintu maggiorenni RC u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti esebixxa kopja tar-rikors datat 4 ta' Jannar 2021 ai termini tal-artikolu 73, fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jipprosegwi bil-kawza ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-ulied,[1] liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 5 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta. Illi

[1] Vide rikors a fol 13.

ghalhekk dan ir-it-tieni rekwizit huwa palezement sodisfatt.

Fir-rigward tat-tielet rekwizit, il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***"Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – [omissis]***

***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***

***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur."***

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar a fol 23 *et seq* tal-process, u r-rapport anness mieghu li jindika li t-testijiet genetici li saru fuq R C u r-rikorrenti HC  juru li r-rikorrenti m'huwiex il-missier biologiku ta' R C. Illi ghalhekk, dawn it-testijiet genetici hekk ezegwiti minn Dr. Marisa Cassar juru inkonfutabbilment illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku ta' R. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent illi jigi dikjarat li m'huwiex il-missier bijologiku ta' R C tinsab pruvata.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimata R C u li r-rekwizti kollha necessarji sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija intimata huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-intimata R C, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont lewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew***

***b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Il-Qorti rat illi fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021, *seduta stante* il-kontendenti ddikjaraw illi stante li l-intimata RC ghandha tlieta u tletin sena (33) u dejjem kienet maghrufa bil-kunjom C, hija ghandha tibqa' zzomm dana l-kunjom.[2] Ta min jinnota wkoll illi PC minkejja li hadet id-divorzju, ghazlet li zzomm il-kunjom C li allura huwa il-kunjom tal-omm li wild jiehu f'kas ta denegata paternita'.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa car li l-intimata R C, ghalkemm kienet taf b'dan kollu, m'ghandhiex tehel l-ispejjez ta' din il-kawza, stante li ghal maggior parti ta' hajjitha hija trabbiet bhala bint ir-rikorrenti u l-intimata PC. Ghalhekk huwa indiskuss li hija ma tahtix ghas-sitwazzjoni prezenti. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors datat, ghandhom ikunu a karigu tal-intimata PC stante li kien wara tant snin li l-verita' dwar il-paternita' ta' bintha ingabet a konnoxxenza tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti, HC m'huwiex il-missier naturali ta' RC u konsegwentement;**

2. **Tiddikjara illi kunjom l-intimata R ghandu jkun dak ta' ommha u cioe' C;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid numru 4272 ta' RC kull referenza ghar-rikorrent, HC senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier ir-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi**

[2] Vide fol 29.

**taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent li jidher mill-atti tat-twelid citat, filwaqt li wara isem PC fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid ta' R jitnehhew il-kliem "the said".**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata PC inkluz l-ispejjez ghar-rikors ghall-awtorizazzjoni prezentat mir-rikorrenti fl- 4 ta' Jannar 2021.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**